# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 35 / 2012

Il-Laqgha Nru 35/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni saret il-Hamis, 6 ta' Settembru, 2012 fis-6.00pm fl-Ufficcji Amministrattivi ta' Regjun Xlokk f' 161 Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Is-Sur Mark Grech | Kunsillier Zabbar |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Il-Perit Edric Micallef | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Valletta
Sindku Birgu
Sindku Isla
Sindku Marsa
Sindku M'Scala
Sindku Xghajra

**Assenti:**
Sindku Bormla
Sindku Zejtun
Sindku Kalkara
Sindku Paola

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.30pm.

35.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 32/2012 mizmuma fis-27 ta' Lulju 2012 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, dawk tal-Laqgha Nru 33 mizmuma fis-27 t' Awissu 2012 (fejn ma kienx hemm quorum), kif ukoll dawk tal-Laqgha Nru 34 mizmuma fit-3 ta' Settembru 2012 (fejn ma kienx hemm quorum ukoll), u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat. — Approvazzjoni tal-Minuti
Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

35.2 **<u>Korrispondenza</u>**

Intbaghtet korrispondenza lis-Sinki dwar Life Story Challenge & Social Entrepreneurs Awards.

Korrispondenza

35.3 **<u>Punti Mqajjma</u>**

35.3.1 **LES.**

35.3.1.1 **Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip**

Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip

L-Authorised Officer, responsabbli ghat-Tribunali tal-Fgura u taz-Zejtun, dalwaqt ser jipprezentat rapport komplut sabiex b' hekk ir-Regjun ikun jista jiehu l-passi necessarji f' dan ir-rigward.

35.3.1.2 **Servizz ta' Wardens fil-Marsa bejn Marzu u Mejju 2012**

Warden Services Marsa

Regjun Xlokk qed jitlob laqgha ma' Aurelia Enforcement Ltd u L-Authorised Officer sabiex jigu diskussi l-invoices li nhargu dwar servizz ta' Wardens fil-Marsa meta kien gie mitlub li dan i-servizz jigi temporanjament sospiz f' dan il-perijodu.

35.3.1.3 **Tender Warden Services**

Tender Warden Services

Wara li ghaddiet korrispondenza mat-Tenderers dwar l-ghazla tal-ahjar offerta, fit-23 t' Awissu 2012, Regjun Xlokk gie notifikat mill-Public Contract Review Board li kien dahal Appell mill-kumpanija Aurelia Enforcement Services Ltd u li ghalhekk il-procedura ghall-ghoti tat-tender kellha tigi sospiza.

Subcontracting Tat-Tender Attwali KL Valletta

Sa dan it-tant pero' inholoq precedent peress li l-Guard & Warden Service House Ltd kienu diga lesti jirilaxxjaw il-Belt ghax hadu tender f' Regjun iehor. Ghalhekk sabiex il-Belt jibqa' jkollu servizz sar subcontracting favur Sterling Security Ltd ghall-perjodu li kien ghad baqghalu fuq il-Belt sa Dicembru 2012 u dan wara li saret talba lill-Authorised Officer u bl-approvazzjoni tar-Regjun.

Kien hemm xi problemi dwar is-Servizz tal-Wardens li beda jinghata fil-Belt Valletta. Ghalhekk saret laqgha bejn il-partijiet kollha koncernati fejn saret schedule li tirrifletti l-esigenzi tal-Kunsill.

Sterling Security Ltd pero talbu zieda fuq ir-rati li kellu l-Guard & Warden Service House u b' hekk jigi bl-istess rata li din il-kumpanija ghandha fl-istess Regjun. Dawk prezenti unanimamnet qabblu li din it-talba ghandha tigi deciza mill-LES Management Committee u li ghalhekk ghanda ssir komunikazzjoni f' dan is-sens.

35.3.1.4 **Tender Authorised Officer Services**

Tender Authorised Officer Services; Avukat ta' Synthesis Management Services Ltd

Il-President semma kif fis-seduta li giet appuntata ghas-smiegh mill-PCRB nhar il-Hamis 2 t' Awwissu 2012, l-avukat difensur ta' Synthesis Management Services Ltd kien fil-fatt Dr Vince Galea li jithallas mir-Regjun bhala Prosekutur tat-Tribunal tal-Fgura.
F' hin minnhom waqt din is-seduta, l-Avukat ta' Regjun Nofsinhar Dr Alex Sciberras, irrimarka dwar dan il-fatt u Dr Galea cahad li jicievi l-ammont ta' flus indikat mill-Avukat l-iehor, meta fil-fatt Dr Galea kien ghadu kemm gie mhallas € 745 ftit jiem qabel skond kif jirrizulta mill-iskeda ta' pagamenti tas-27 ta' Lulju 2012.

Dawk prezenti unamimament qabblu li dan hu konflitt t' interess kontra Regjun Xlokk u li ghandu jittiehed parir legali.
Ta' min jinnota li ghal din is-seduta, ir-Regjun kien sprovist minn Avukat peress li l-Avukat kien nieqes mill-ufficcju tieghu sa mill-inqas is-27 t' Awissu 2012. Prezenti ghal din is-seduta kien hemm il-President, is-Sindku tax-Xghajra u s-Segretarju Ezekuttiv
Sal-lum ghad m' hemmx decizjoni fuq dan l-appell.

35.3.1.5 **Haddiema tat-Tribunali**

Haddiema tat-Tribunali

F' e-mail mibghuta mis-Sur Maurice Caruana (LES Management Committee) fit-8 t' Awissu 2012 giet iccarata notifika iċċirkulata minnu fis-27 ta' Lulju, 2012.
L-LES Management Committee, permezz ta' din in-nota u fuq talba li saritlu biex tiġi iċċarata s-sitwazzjoni dwar l-użu tar-riżorsi umani kemm fil-każ tat-Tribunali Lokali kif ukoll tal-Kumitati Reġjonali, wassal din l-ispjegazzjoni:-
*"Ir-riżorsi umani kollha li huma meħtieġa li jagħtu s-servizzi tagħhom, sew lit-Tribunali Lokali kif ukoll lill-Kumitati Reġjonali, għandhom ikunu determinati mis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.*
*Fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu konnessi direttament mal-operat tat-Tribunal Lokali, ir-Reġistratur hu soġġett għad-direzzjoni u kontroll mill-Kummissarju għall-Ġustizzja u f 'dak il-każ ir-Reġistratur għandu jsegwi d-direzzjonijiet li jingħatawlu mill-Kummissarju għall-Ġustizzja.*
*Rigward funzjonijiet oħra tar-Reġistratur ta' natura amministrattiva, dawn jaqgħu direttament taħt ir-responsabilita' tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u għandhom jitwettqu skont kif rikjest.*
*Fl-istess ħin, hija fir-responsabbilita tas-Segretarju Ezekuttiv li jara li, flimkien mal-Ufficjal Awtorizzat u mar-Registratur tat-Tribunal rispettiv, isir il-koordinament neċessarju sabiex il-ħidma fit-Tribunal Lokali timxi b'mod tajjeb u mingħajr ebda xkiel.*
*Dan bl-ebda mod ma jeskludi lis-Segretarju Ezekuttiv li jiddelega lill-impjegati tat-Tribunali kull xogħol ieħor ta' natura amministrattiva li jkun hemm bżonn isir, dejjem mingħajr preġudizzju għall-operat tat-Tribunal Lokali.*
*Kif determinat mill-kuntratt mogħti lilu mill-Kumitat Regjonali rispettiv u minn kull leġizlazzjoni li tista' tiddetermina dan, l-Uffiċjal Awtorizzat jaqa taħt ir-responsabilita' tas-Segretarju Eżekuttiv."*
Kien hemm qbil unanimu li din il-korrispondenza iccarat ir-rwol tal-Authorised Officer kif ukoll tal-haddiema tat-Tribunali kemm fir-rigward tat-Tribunali kif ukoll fir-rigward tar-Regjun.

35.3.1.6 **Datatrak**

Datatrak Ftehim Gdid

Wara li kienu saru xi emendi zghar fil-ftehim il-gdid ta' Datatrak biex gew iccarati xi punti li jissalvagwardjaw l-interessi tar-Regjun, kif ukoll kienet ser tinhafer parti mir-rata, Datarak talbu li t-terminu tal-kuntratt jizdied sostanzjalment - dan mhux fl-interess tar-Regjun. Ghalhekk ghalissa jaqbel li r-Regjun jibqa bl-istess rati u kuntratt.

35.3.1.7 **Tribunal tal-Belt**

Tribunal tal-Belt

Giet komunikata lis-Sur Maurice Caruana bhala Chairperson tal-LES Management Committee, it-talba tar-Regjun sabiex jinghalaq t-Tribunal tal-Belt u dan wara li kien hemm qbil unanimu mill-kumitat ta' Regjun Xlokk billi saret komunikazzjoni mas-Sindki permezz tat-telefon fejn gie spjegat fid-dettal il-process u gew infurmati li kellha tintbaghtilhom ukoll e-mail f' dan l-istess sens u dan sabiex b' hekk seta jigi ffrankat iz-zmien ghall-dan il-process. Pero komunikazzjoni bit-telefon ma saritx mas-Sindku tal-Belt Valletta u tal-Fgura peress li ma rrispondewx.

Fl-e-mail is-Sindki kellhom mehmuz l-Agenda tal-Laqgha Amministrattiva Nru 32/2012 li kienet turi li kellu jigi diskuss it-Tribunal tal-Belt Valletta u li fiha wkoll kienu gew mhux talli mhegga jattendu biss izda li jekk ma setghux tattendu kienu mitluba jibghatu lill-Vici Sindku jew Kunsillier.
Mehmuz ukoll kien hemm ir-Regolamenti dwar it-Tribunali Lokali (Twaqqif ta' Tribunali u Tismija tar-Registru, Registratur u Ufficjali Ohra – LS 291.02 partikolarment 4(1) u 5 (1) – 5(3) ).
Billi jirrizulta li r-Registratur tat-Tribunal tal-Belt Valletta ma kienitx qed tottempra ruhha mar-Regolamenti stipulati fl-imsemmija ligi, il-Kumitat Regjonali Xlokk unanimament iddecieda fil-Laqgha Nru 32/2012 mizmuma fis-27 ta' Lulju 2012, li jissuprimi dan it-Tribunal.
Mehmuz ukoll kien hemm silta mill-Minuti ta' din il- Laqgha Amministrattiva u li minhabba l-urgenza tal-kaz, kienu mitluba li jibghatu l-approvazzjoni tieghhom tas-silta mill-Minuti li jirrigwardaw l-gheluq tat-Tribunal tal-Belt Valletta, sal-Gimgha, 10 t' Awwissu, 2012 fil-11.00am.
Jekk fiz-zmien stipulat ma tintbaghatx risposta, kien meqjus bhala approvazzjoni minn naha tal-Kunsill Lokali partikolari.
Is-Sindku tal-Belt Valletta rrisponda li ma jaqbilx, pero hadd mill-Kunsill tieghu ma' kien attenda ghall-Laqgha.
Is-Sindku l-gdid tal-Floriana ma qabilx izda ghall-Laqgha kienet attendiet is-Sindku precedenti li dakinhar qabblet ma' l-gheluq tat-Tribunal.
Is-Sindku tal-Marsa dakinhar tal-Laqgha qabel ma' l-gheluq tat-Tribunal pero f' korrispondenza mis-Segregretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Marsa informa lir-Regjun, li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ma kienx jaqbel li dan it-Tribunal jinghalaq.
Il-President qal li r-Regjun qieghed gia jikkonsidra li jnaqqas l-ispejjez amministrattivi u li eventwalment jrid jasal li jahdem minn post wiehed centrali bi Tribunal wiehed.

35.3.1.8 **Tender ghal servizz ta' Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun** — Tender Prosekutur Tribunal Lokali taz-Zejtun

Il-Kumitat tal-agudikazzjoni ta' dan it-Tender iltaqa' ghall-ewwel darba din il-gimgha peress li l-membri kienu kwazi kollha msiefrin f' dan il-perijodu, kif ukoll peress li l-President kellu hafna mpenji. Dan il-bord bhalissa qed jistenna informazzjoni partikolari minn Tribunal qabel ma' jkompli bl-agudikazzjoni.

35.3.1.9 **ECO Wardens** — ECO Wardens

Dan is-servizz beda bi prova mill-1 ta' Settembru u ghalhekk ghadu kmieni wisq biex jigu evalwati l-impatti u r-rizultati minn issa.

35.3.1.10 **CCTV Pjazza de Paule** — CCTV Pjazza de Paule

Sal-lum il-Kunsill Lokali ta' Paola ghadu m' ghamilx talba formali li tinkludi r-raguniijiet ghaliex ghandha titnehha l-camera li hemm qrib il-knisja b' ragunijiet validi. F' e-mail datata 21 t' Awissu 2012, mibghuta lir-Regjun mis-Sur Raymond Attard, informa lir-Regjun li ittiehdet decizjoni mill-Kunsill ta' Paola biex titnehha din il-camera u jekk din ma titnehhiex sal-15 ta' Settembru 2012, il-kunsill inehhija hu.
Dawk prezenti unanimament qabblu li decizjonijiet bhal dawn jittiehdu mir-Regjun wara li jkun ikkonsidra r-raguni/jiet ghat-tnehhija.

35.3.2 **Ufficcju Regjonali** — Ufficcju Regjonali

Din kienet l-ewwel laqgha bi quorum li saret f' dan il-fond peress li ghat-tnejn precedenti ma kienx hemm *quorum*.

35.3.3 **LOGO** Logo

Wara l-laqgha li kienet saret mad-Direttur (DLG) fis-26 ta' Lulju 2012, kif ukoll wara mozzjoni Regjonali biex l-ispejjez li d-Dipartiment kien ser johrog biex jithallas l-espert eraldiku li jammontaw ghall- 400 Euro, kellhom jinqassmu, ir-Regjun talab lid-Dipartiment sabiex jipprocedi u jigi ppublikat l-Avviz Legali relattiv u tigi finalizzata din is-saga.

Regjun Xlokk ircieva korrispondenza minghand id-Direttur (DLG) fit-22 t' Awissu 2012 fejn kiteb li kien jeħtieġ risposta min-naħa tar-Regjun dwar il-proposta li ghadda dwar l-istemma imhejjija mill-espert eraldik u li fin-nuqqas li d-Dipartiment jibqa mingħajr risposta sal-ghada l-Ħamis, 23 t' awissu 2012 jew f'każ ta' risposta negattiva, ma kienx hemm triq oħra ħlief li jimxi fuq il-proposta tal-espert eraldiku mqabbad mid-DLG.

Ghalhekk fis-27 t' Awissu 2012 Kummissjoni minn Regjun Xlokk iltaghqet biex tikkonsidra l-*feedback* mill-Kunsilli Lokali formanti parti minn Regjun Xlokk dwar il-logo ghar-Regjun, kif ukoll biex tirrispondi ghall-email mibghuta mid-Dipartment mis-Sur Pio Farrugia fit-22 t' Awissu 2012 u wkoll biex jikkonfermaw l-email mibghuta b' risposta mill-President peress li s-Segretarju Ezekuttiv ma kienitx disposta f' dan il-perijodu.

Din il-Kummissjoni maghmula mill-President, il-Vici Sindku tal-Belt Valletta, is-Sindku tal-Isla, il-Vici Sindku tal-Fgura, is-Sindku tal-Kalkara, is-Sindku ta' Marsascala u l-Vici Sindku ta' Marsaxlokk, ikkonfermaw u sostnew li l-arma prezentata mir-Regjun hija l-ahjar wahda u taghmel l-ahjar rapprezentazjoni tal-Kunsilli Lokali tar-Regjun Xlokk u li ghalhekk mhumiex lesti li jaccettaw disinji ohra apparti dak provdut minn Regjun Xlokk.

## 35.4 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

35.4.1 **Hlasijiet** Hlasijiet

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

Gie deciz unanimament pero' li l-hlasijiet dovuti lill-Kunsill Lokali taz-Zejtun ghall-awment fil-kera tat-Tribunal taz-Zejtun (Jannar sa Marzu 2012) ma jinhargux qabel ma r-Regjun jircievi l-invoices li juru d-dati attwali. Sal-lum, wara telefonati u korrispondenza li ilha ghadejja gimghat, ghadhom ma waslux.

35.4.2 **Rapport Finanzjarju Q2 – 1 t'April 2012 sat-30 ta' Gunju 2012** Rapport Finanzjarju Q2

Dawk prezenti unanimament qabblu li dan ir-Rapport ikun fuq l-Agenda li jmiss peress li llum kien hemm ftit membri prezenti u li ghandu jkun prezenti l-Accountant tar-Regjun. Ta' min jinnota li l-Accountant fil-fatt kien prezenti fil-Laqgha msejha fis-27 t' Awissu 2012 pero' nqala' ghal xejn ghax ma kienx hemm quorum.

35.4.3 **Hlas lill-Sterling Security Ltd** Hlas lill-Sterling Security Ltd

Kellu jsir hlas lill- Sterling Security Ltd qabel din il-laqgha sabiex dan l-operatur seta' jkompli jghati servizz u s-sistema ma tieqafx. Regjun Xlokk qieghed lura fil-hlasijiet ma' din il-kumpanija u hlasijiet waqghu aktar lura peress li z-zewg laqghat precedenti ma setghux jsiru minhabba nuqqas ta' *quorum* b' konsegwenza li l-hlasijiet baqghu pendenti.

## 35.5 <u>Affarijiet Ohra</u>

35.5.1 **Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun** Prosekutur Tribunal Zejtun

Peress li s' issa ghadu ma giex agudikat it-tender tal-Prosekutur ghat-Tribunal

Lokali taz-Zejtun, dawk prezenti unanimament qabblu li fil-frattemp Dr Marc Sant ghandu jerga' jinghata direct order ghal dan is-servizz bl-istess rati precedenti.

35.5.2 **LTD** LTD

Permezz ta' e-mail (21 t' Awissu 2012) is-Sur Maurice Caruana (Chairperson LES Management Committee) informa lir-Regjun li dalwaqt tigi rizolta il-kwistjoni tal-flus mizmuma ghand l-LTD dovuti lir-Regjun. Sal-lum l-ammont dovut hu madwar €100,000.

35.5.3 **Kontravenzjonijiet mhux imhallsa** Kontravenzjonijiet mhux imhallsa

Permezz ta' e-mail (21 t' Awissu 2012) ic-Chairperson LES Management Committee staqsa lir-Regjun x' passi ha jew kif bi hsiebu jigbor flus dovuti lilhu minn kontravenzjonijiet mhux imhallsa u x' kontrolli bi hsiebu japplika biex ma jakkumulawx l-arretrati.

Dawk prezenti unanmimanet qabblu u rrikmandaw illi qabel ma jittiehdu passi biex jingabru dawn il-flus, ghandu jsir *audit* tas-sistemi interni tal-kontroll fl-istruttura tal-LES sabiex johrog car fejn hemm id-djufija fis-sistema; ezempji huma l-karozzi garaxxati, u l-hrug tal-licenzi tal-karozzi meta jkun hemm petizzjoni pendenti. F' dan il-kaz, il-kontravenzjonijiet ghandhom jithallsu xorta u jekk dak li jkun ikollu ragun jigi rifuz l-ammont li jkun hallas.

35.5.4 **Speed Camera – Kunsill Lokali Haz Zabbar** Speed Camera Zabbar

Il-Kunsill Lokali ta' Haz Zabbar ghamel talba formali biex tigi stallata speed camera fi Triq Wied il-Ghajn. It-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

35.5.5 **Warden Services fis-Sajf** Warden Services fis-Sajf

Saret talba sabiex fil-qilla tas-sajf, il-Wardens jibdew il-hidma taghhom fis-6.00am. Minhabba l-urgenza tal-kaz, il-President qabel ma' din il-proposta, temporanjament ghall-Settembru 2012 BISS. Ghall-futur ghadhom isiru laqghat formali dwar din is-sistema.

## 35.6 Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom ta' Regjun Xlokk.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Chev. Paul Farrugia | M' Lourdes Lautier |
| President | Segretarju Ezekuttiv |

Minuti approvati llum _______________, _______ ta'___________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar